REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2259

tal-14 ta' Novembru 2022

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, għal ċertu perjodu tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Ċirku tal-plastik b'dijametru estern ta' madwar 4 cm u b'dijametru intern ta' madwar 2 cm. Iċ-ċirku għandu żewġ fetħiet żgħar fuq barra u fuq ġewwa. Fih strixxa ta' drapp mhux minsuġ imprenjata b'sustanzi bir-riħa. Il-prodott jitqiegħed fil-bokkin ta' fliexken tax-xorb speċifiċi biex jaromatizza l-arja ambjentali li tiġi aspirata waqt li wieħed ikun qed jixrob l-ilma mill-bokkin. L-arja aromatizzata hija perċepita retronasalment (jiġifieri, minn ġewwa l-kavità orali), li tagħti l-konsumatur l-impressjoni ta' xarba aromatizzata. Il-prodott huwa disponibbli fi fwejjaħ differenti u huwa ppakkjat f'boroż tal-fojl tal-aluminju kompost għall-bejgħ bl-imnut bħala pods tal-aroma għall-produzzjoni tar-riħa.	3307 90 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-nota 4 tal-Kapitolu 33 u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 3307 u 3307 90 00. Il-prodott la huwa ta' tip użat bħala materja prima fl-industrija u lanqas ma huwa preparat tat-tip użat għall-manifattura tax-xorb. Il-prodott ma jżidx aroma mal-likwidu u għalhekk ma jagħtix fwieħa lix-xarba nnifisha. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 3302 hija eskluża. Il-prodott huwa ddisinjat biex jaromatizza l-arja li tiġi aspirata flimkien mal-ilma mill-flixkun tax-xorb. Għal dan il-għan fih strixxa ta' drapp mhux minsuġ imprenjata bi preparat ta' fwejjaħ skont it-tifsira tan-nota 4 tal-Kapitolu 33 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata tal-intestatura 3307, il-punt (V)(5)). Konsegwentement, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3307 90 00 bħala fwejjaħ oħrajn mhux speċifikati jew inklużi banda oħra.

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

